MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 890/2001/1

**Charles Schembri ezercenti fil-kummerc taht l-isem Tecnomarine**

**vs**

**A.J.D. Tuna Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta’ Novembru, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 t’ Ottubru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur ezercenti l-kummerc taht l-isem “Tecnomarine” sejjah lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandiex tkun ikkundannata:

1. Thallas is-somma ta’ elf u tmien mija u ghaxar liri Maltin (LM1,810.00,0) liema somma hija dovuta bhala bilanc ta’ prezz ta’ merci lilha mibjugha u konsenjati;

2. Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-20 ta’ Novembru tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi l-merci li ghalihom qed jirreferi l-attur huma numru ta’ dinghies li gew mibjugha lis-socjeta’ konvenuta mill-attur. Wiehed minn dawn id-dingies ma kienx tal-kwalita’ pattwita tant li gie kkonsenjat lura lill-attur u sallum ghadu fil-pussess tal-istess attur;

2. Illi l-ammont mitlub permezz tal-avviz odjern jirrapprezenta l-prezz tad-dinghy de quo u ghalhekk l-ebda ammont ma hu dovut;

3. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur u wiehed mill-proprjetarji tas-socjeta’ konvenuta kienu kkonkludew ftehim li permezz

tieghu l-attur kien forna lis-socjeta' attrici d-"dinghy" meritu tal-kawza odjerna;

2. Illi dan il-ftehim kien gie konkluz wara li l-istess partijiet kienu nvoluti f'negozju simili precedenti li fuqu jirrizulta li z-zewg partijiet kienu sodisfatti;

3. Illi pero' dan is-sodisfazzjon ma giex milhuq fil-kaz odjern;

4. Illi fil-mument tal-konsiderazzjoni tal-kuntratt in dizamina jirrizulta li r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien ta struzzjonjiet precizi lill-attur rigward id-dinghy in meritu, senjatament illi d-dinghy de quo kellu jintuza:

a. ghad-divers tieghu;
b. biex johrog il-lixka ghall-"fish farm", (ara fol 40);

5. Illi mill-ewwel jiem li fih kien gie varat id-"dinghy" de quo dan zviluppa xi problemi, senjatament li ma kellux power bizzejjed ghalkemm kellu mutur tal-mitt "horse power";

6. Illi pero', wara li nies teknici u l-istess attur hadmu fuq l-istess "dinghy" biex jesploraw ir-raguni ghal dawn il-problemi, giet eskluza l-possibilita' li l-magna kellha xi haga hazina fiha;

7. Illi sussegwentement ghal dan il-partijiet intervjenew fuq l-istess "dinghy" u naqsulu bicca minn wara biex jippermettu lill-magna tinzel aktar l-isfel halli din tkun tista' tipprogetta aktar forza;

8. Illi nonostante dan l-intervent, id-"dinghy" baqa' bl-istess difett;

9. Illi konsegwentement id-"dinghy" de quo ma kienx tajjeb biex jintuza ghax-xoghol partikolari li l-partijiet kienu ftehmu fuqu;

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta ghalhekk li l-attur kien inghata struzzjonijiet precizi li d-"dinghy" li kien ser iforni lis-socjeta' konvenuta kellu jkollu certi specificitajiet;

Illi l-istess attur jirrizulta li llum jahdem xoghol ta' din in-natura u effettivament kien diga forna lis-socjeta' konvenuta b'diversi "dinghies" ghas-sodisfazzjon ta' l-istess socjeta';

Illi jirrizulta abbundantement assodat li d-"dinghy" mertu ta' din il-kawza ma kienx skond il-ftehim pattwit;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez."

L-attur nomine appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi huwa ma kienx jaqbel mal-veduta ta' l-ewwel Qorti illi huwa kien gie moghti struzzjonijiet precizi rigward id-dinghy in meritu, senjatament kif kellu jintuza fix-xoghol tas-socjeta` konvenuta. Huwa jissottometti illi n-negozju bejnu u s-socjeta` konvenuta kien wiehed semplici ta' bejgh ta' dinghy li r-rapprezentant tal-istess socjeta` kien ra bhalu f'katalogu muri lilu.  Huwa jsostni illi dak li kien ordnat ma kienx marbut ma' xi forma ta' kundizzjoni u kien f'dan li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat.

Is-socjeta` konvenuta wiegbet ghall-obbjezzjonijiet tal-attur nomine billi ghamlet espressa referenza ghall-provi in atti, senjatament x-xhieda ta' l-istess attur appellanti. Jixraq ghalhekk li jigu ezaminati dawn il-provi.

Fuq il-fatti kif allegati jirrizulta mill-provi illi bejn il-kontendenti sar negozju ta' ordni u bejgh ta' numru ta' dinghies.  Ghal precizazzjoni pero` l-meritu tal-kawza de quo kien jirrigwarda dinghy kbir ta' seba' metri.  Kif mistqarr mill-attur innifsu meta xehed l-ewwel darba "katalgu tas-seba' metri ma kellniex" (fol 11) u ghalhekk hu iddiskuta mar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta l-qisien tat-tubi u hwejjeg teknici korrelatati qabel ma ppjazza l-ordni mad-ditta fornitrici.  Dan id-diskors rega'

irrepetieh in kontro-ezami (fol 32), bl-aggunta illi meta tkellmu fuq dan id-dinghy partikolari r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta nformah illi hu ried dan id-dinghy ghad-divers (fol 33).

Jirrizulta illli meta nsorgiet il-problema illi, kif lamentat mis-socjeta` appellata, dan id-dinghy ma kienx qed jahdem tajjeb ghall-uzu li rieditu, l-appellant nomine informaha illli "d-dinghy ma kienx wiehed ta' natura kummercjali, ta' natura ghad-divers bhal ma kien informani li kien ser juzah l-istess rapprezentant tas-socjeta` konvenuta" (fol 11). Dan kif konfermat lilu permezz ta' e-mail mid-ditta esportatrici (esebita a fol 18).

Ghall-finijiet tal-eccezzjoni sollevata li fuqha bbazat id-decizjoni taghhom l-ewwel Qorti, din il-Qorti tista' tissofferma hawn in kwantu l-provi l-ohra ghandhom sinjifikat marginali ghall-vertenza, gjaladarba jikkoncernaw il-fatt tal-modifikazzjonijiet li saru fid-dinghy u s-sea trials tieghu, ex post facto l-ilment u l-modifikazzjonijiet. Dan kif jemergi mix-xhieda ta' Joseph Spiteri (fol 26), Charles Zammit (fol 28), Tony Grixti (fol 35) u Christopher Sant (fol 37).

Premessi dawn l-ispunti li johorgu mill-provi huwa indubbju illi r-rizoluzzjoni tal-vertenza tirpoza unikament fuq il-kuntratt ta' kompro-vendita konkjuz bejn il-partijiet.

L-obbligi tal-attur appellant, qua venditur, huma dawk specifikati fl-Artikolu 1378 tal-Kodici Civili u cjoe iz-zewg obbligi mposti fuqu mil-ligi, jigifieri "li jikkunsinna u li jiggarantixxi l-haga mibjugha". Minn naha tieghu l-kumpratur ghandu kull dritt li jirrifjuta l-haga, f'liema kaz jista' wkoll jitlob id-danni subiti, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit, jekk il-haga mibjugha lilu u konsenjata ma tkunx tal-kwalita` mwieghda (Art 1390).

Dan affermat, ir-rizultanzi processwali ma jhallux dubju illi d-dinghy ma kienx affattu tal-kwalita` mifthema, hekk konsiderata indispensabbli ghall-uzu determinat mahsub mis-socjeta` kompratrici u ben maghruf mill-appellanti nomine. Fil-kaz de quo d-dinghy in kwestjoni, kif

esplicitament jirrizulta mid-dikjarazzjoni tal-appellant innifsu, kien difformi minn dak previst ghal dak li jirrigwarda l-adegwatezza tieghu in relazzjoni mad-destinazzjoni u funzjoni mahsuba ghall-garr u uzu tad-divers. Nuqqas dan li jista' jitqies "sostanzjali" (**Vol XXXI pI p678**).

Anke kieku kellu jigi accettat dak sostenut mill-appellanti nomine illi l-bejgh sar skond il-katalogu – fatt dan li kif fuq intqal hu addirittura negat mill-istess appellanti fix-xiehda tieghu – xorta wahda kien ikun jista' jinghad illli l-illustrazzjoni tal-oggett vendut fuq il-katalogu "mhiex vinkolanti billi l-istampa mhiex qeghda hemm biex turi dak li wiehed ghandu jircievi. L-illustrazzjoni hija ndikattiva biss, u kollox jiddependi minn kif u ghal x'hiex issir l-ordinazzjoni" – "**Charles Portelli noe-vs- Neg. Giuseppe Maria Galea**", Qorti Kummerc, 4 ta' Marzu 1958 a **Vol XLII pIII p1154**).

Fil-kaz de quo l-ordinazzjoni tad-dinghy partikolari kienet intiza ghall-uzu tad-divers. Dan huwa accettat mill-appellanti nomine. Hekk ukoll huwa accettat, u anzi ammess minnu, illi dak provvdut ma kienx "ta' natura ghad-divers".

Ir-rifjut tad-dinghy da parti tas-socjeta` appellata kien jimporta li din tirritorna l-oggett lill-venditur, kif fil-fatt ghamlet. B'dan is-socjeta` appellata iddemostrat l-intenzjoni taghha, kif hekk kien jinkombi fuqha taht l-ewwel opzjoni ta' l-artikolu 1390, illi tirrexxindi l-bejgh fir-rigward tad-dinghy partikolari. Kieku dan ma sarx minnha ma kenitx tkun f'qaghda li tesigi li l-kuntratt jithassar. Ara a proprozitu "**Robert Bond –vs- Austin Agius et"**, Appell, 16 ta' April 1993 u "**Nazzareno Cauchi noe –vs- Joseph Baldacchino et noe**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997.

Konformement ma' dak ritenut mill-ewwel Qorti, hi l-fehma ta' din il-Qorti ukoll illi s-socjeta` konvenuta ipprovat sodisfacentement l-estremi ta' fatt lli kienu jintitolawha tirrexendi l-ftehim fil-kaz ta' dan id-dinghy.

Ghal dawn il-motivi, in bazi ghall-konsiderazzjonijiet ta’ fatt u ta’ dritt fuq esposti, l-appell interpost qed jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------